Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 142/2014

Il-Pulizija

Vs

Rosario Brincat

Illum 20 ta' Settembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Jannar, 2003, u s-sena ta' qabel, go Hal Qormi, u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegewentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-usu eklussiv tieghu;

c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta, jew zamm minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe' sellef flus bl-imghaxx lil diversi persuni, dan ir-reat sar bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzarji, Att Nru XXII tal-1994;

e. U aktar talli xjentement kien parti fl-ghemil jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht is-Subartikolu (1) tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, dan bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Att XXII tal-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Marzu 2014, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li rat ir-Raba' u s-Sitt (IV u VI) Taqsima tal-Ewwel Skeda, l-artikolu

22(1B), u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; LS 101.2002, l-Artikoli 3, u 22 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu għall-erba' snin u nofs priġunerija u għal multa ta' tmint elef Euro (€8000) u dan oltre għal ħlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal tmien mija sebgha u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€827.57) ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebieta u mmarkata bhala Dokument "KB99.2003", kif ukoll il-konfiska tal-flejjes hekk maqbuda minghand l-imputat fis-somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00) ekwivalenti ghal elf disa' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,924.58) formanti parti minn ezebit numru "KB15.2003".

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Rosario Brincat minnu ppreżentat fl-4 ta' April 2014 li bih talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu sabitu ħati tar-raba u tal-ħames akkużi filwaqt li tħassarha u tirrevokaha inkwantu sabitu ħati tal-ewwel tlett akkużi u teħilsu u tilliberaħ minnhom jew alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenża appellata fir-rigward tal-piena inflitta sabiex minflok tiġi mposta fuq l-appellant piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Brincat jikkonsistu fil-qosor li s-sentenza hija nulla fis-sens li filwaqt li l-Ewwel Qorti sabitu ħati tar-raba u tal-ħames imputazzjoni ma saret l-ebda referenza għal-Kap 376 jew għall-artikolu 3(2) u 22(2) tal-istess. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju l-appellant jishaq li ma kellhiex tinstab htija ghall-akkużi relatati mar-reati ta' traffikar u pussess tad-droga u dan peress illi l-provi ma jwasslux sal-grad rikjest mill-liġi fil-kamp penali. Dan ghaliex il-Qorti straħet fuq ix-xiehda ta' Joseph Borg li madankollu għal diversi raġunijiet elenkati fir-rikors tal-appell huwa meqjus bħala xhud mhux kredibbli u dan a kuntrarju tax-xiehda tal-appellant li dejjem baqgħet konsistenti. In oltre l-appellant issostni li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi u dan ghaliex l-provi ċirkostanzjali ma

humiex univoci u ma jippuntawx fid-direzzjoni tar-reita'. Finalment l-appellant, għal dak li jirrigwarda l-piena inflitta, jilmenta li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tat-trapass ta' żmien, l-eta tal-appellant, il-mard li jbagħti minnu, u l-kwantita' u l-valur tal-allegata droga kif ukoll is-sitwazzjoni u l-problemi preżenti tal-appellant, fatturi kollha li kellhom iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti datata s-26 ta' April 2018 li permezż tagħha gie milqugh l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, u għaldaqstant giet annullat is-sentenza appellata, u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat illi l-każ jiġi trattat mill-ġdid fil-mertu bl-aggravji tal-appellanti jiġu kkunsidrati bħala sottomissjonijiet in difeża.

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2018 fejn il-partijiet irremettew ruħhom għall-atti tal-kawża u straħu fuq il-provi u d-dokumenti hemm miġbura u fejn gew mismugha s-sottomissjonijiet ulterjuri tagħhom.

Ikkunsidrat

Illi tenut kont tal-fatt illi s-sentenza appellata giet iddikjarata nulla u dan fit-termini tas-sentenza preliminari tas-26 ta' April 2018, din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-atti tal-kawza mill-gdid u l-provi hemmhekk migbura u dan sabiex tqies jekk ghandhiex tinstab htija ghar-reati addebitati lill-appellant. Issa fl-aggravji minnu imqanqla, li issa ser jittiehdu bhala sottomissjonijiet in difeza, l-appellant isib oggezzjoni ghas-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel tlett akkużi marbuta mar-reati ta' traffikar tad-droga erojina, kif ukoll dak tal-pussess aggravat u l-pussess sempliċi tal-istess sustanza. Il-kritika tal-appellant hija b'mod ewlieni diretta lejn it-testimonjanza ta' Joseph Borg li fil-fehma tieghu mhuwiex xhud kredibbli. Dan ghaliex jishaq illi din ix-xiehda hija mizghuda b'inkonsistenzi, u dan dejjem mingħajr preġudizzju għal dak ravviżat fl-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali. Abbinat ma' dan jishaq illi ma hemmx provi oħrajn illi ċirkostanzjalment u univokament jorbtuh mal-akkużi relatati mat-traffikar u il-pussess tad-droga erojina u allura fil-fehma tieghu il-Prosekuzzjoni naqqset milli tilhaq il-grad tal-provi mistenni minnha skont il-ligi.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali minn fejn johorgu s-segwenti fatti saljenti:

1. Illi fis-07 ta' Jannar 2003, il-pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga jarrestaw lil certu Joseph Borg fuq suspett illi huwa kien involut f'reati ta' traffikar u pussess ta' droga. Mal-arrest tieghu Borg jaccetta li jassisti lill-pulizija fl-investigazzjonijiet sabiex b'hekk huwa seta' jibbenifika mill-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Issir konsenja kontrollata debitament awtorizzata mill-Inkwirenti fl-istess jum tas-07 ta' Jannar 2003.

3. Joseph Borg fuq istruzzjonijiet mill-pulizija jaghmel telefonata fil-presenza taghhom lil persuna li jindika bil-laqam 'il-Pupa'. Din il-persuna hija maghrufa mal-pulizija bl-isem Zaren u cioe' l-appellant. In-numru li fuqu issir it-telefonata minn Borg mid-Depot tal-Pulizija huwa 79209010, l-istess numru li imbaghad ighaddi l-appellant lill-pulizija meta jigi arrestat.

4. Borg jiftiehem mal-Pupa biex imur jiġbor tlett 'isriedaq' mingħandu dakinhar stess. Borg jallega illi l-kelma 'sriedaq' kienet kodiċi bejniethom li tirreferi għal grammi tal-erojina (u ċioe tlett grammi).

5. Joseph Borg jigi moghti somma flus mill-pulizija sabiex hu jagħmel użu minnhom ai fini tat-transazzjoni tad-droga li kienet ser issir bejnu u bejn l-appellant. Qabel ma jigu rilaxxati f'idejn Borg, l-pulizija jaghmlu fotokopja ta' dawn il-flejjes kontanti, liema fotokopja kienet ġiet mgħoddija lil Magistrat Inkwirenti.

6. Qabel issir il-konsenja kontrollata issir *strip search* mill-pulizija fuq il-persuna ta' Joseph Borg sabiex jigi accertat li ma kienx qed igorr xi droga fuqu.

7. Il-pulizija jakkompanjaw lil Borg sa qrib il-garaxx tal-appellant. Borg jimxi lejn il-garaxx u jidhol gewwa. Il-pulizija jibqghu jissorveljaw lil Borg. Wara xi hin johrog fejn jinstabu fil-pussess tieghu zewg qratas kontenenti d-droga erojina

fl-ammont ta' 3.5grammi. Dan jigi kkonfermat mill-esperti l-Ispizjara Mario Mifsud u Godwin Sammut[1].

8. Il-pulizija jipprocedu ghall-arrest tal-appellant fejn jigu elevati xi flus li huma l-istess mghoddija lil Borg mill-pulizija, kif ikkonfermat mill-espert Dr. Richard Sladden. Jigu elevati ukoll żewġ ċellulari tal-għamla Nokia u Motorola li nstabu għand l-appellant fejn irriżulta mix-xhieda fosthom l-ispettur Mifsud u xhieda oħrajn tal-pulizija li kienu nvoluti fl-arrest tal-appellant, li Brincat kien sabbat iċ-ċellulari tal-għamla Nokia kif il-pulizija daħħlu fuqu sabiex jarrestawħ u jagħmlu t-tfittxijet relattivi. Jigu elevati ukoll truf ta' boroż u boroż ohra li nstabu fil-garaxx tal-appellant immarkati fl-atti bħala Dokument 'RB2' kif ukoll żewġ kartuniet b'ismijiet ta' persuni u ċifri li skond l-appellant kienu ta' persuni li kellhom iroddulu il-flus tas-self li kien għamlilhom.

9. L-appellant jigi arrestat u interrogat fejn jirrilaxxja stqarrija fejn jichad l-involviment tieghu ghar-reati marbuta mat-traffikar u pussess ta'droga.

Illi mill-provi tal-Prosekuzzjoni johrog illi qabel ma saret il-konsenja kkontrollata minn Joseph Borg kienet saret tfittxija fuq il-persuna tieghu. Joseph Borg jibqa' il-hin kollu magħhom u taħt għajnejhom tul il-konsenja kkontrollata kollha ħlief meta jidhol fil-garaxx tal-appellant. Illi ghalhekk jirrizulta illi qabel ma dahal fil-garaxx tal-appellant dan Borg ma kellux pussess ta' ebda tip ta' droga fuq il-persuna tieghu, ghajr ghal flus li kienu ghaddewlu il-pulizija sabiex ihallas lill-ispaccatur. Meta imbaghad johrog mill-garaxx Borg ikollu fil-pussess tieghu d-droga izda mhux il-flus. Dawn il-flus iktar tard jinstabu fil-pussess ta'l-appellant

Joseph Borg[2] fix-xiehda tieghu inizjalment jistqarr li kien qed jiġi mhedded in konnessjoni mal-każ. Huwa ighid li sema b'dan it-theddid minn ħdejn ic-Centru tad-Detox, kif ukoll kien cempillu xi hadd mill-habs li halla messagg ma' huh Mario u f'żewġ okkażjonijiet mar iben l-imputat ifittxu d-dar t'ommu (Antonia Borg). Hu

---

[1] Folio 116 mill-ewwel Volum tal-atti proċesswali immarkat bħala Dok MM.
[2] Folio 52 mill-ewwel Volum tal-atti proċesswali (29.1.03).

semma li n-neputija tiegħu (Angie) qaltlu li semgħet li xi ħadd ser jagħmillu bomba fuq dan il-każ. Qalulu jdawwar id-diskors dwar l-istqarrija li kien irrilaxxa u ma jikxef xejn. Hu għaraf lill-appellant bħala l-Pupa. Jistqarr li kien ilu jafu madwar sitt xhur u li kien jixtri l-erojina mingħandu. Jammetti iIli ilu afflitt mil-problema tal-abbuz tad-droga sa mis-sena 1992 u li kien ilu jixtri l-erojina għal sitt xhur (folio 61). Ighid li l-aħħar li kien xtara mingħand l-appellant kien fis-7 ta' Jannar 2003 fl-ammont ta' 4g fejn kien nefaq Lm20 il-gramma. Skont ix-xhud id-droga li nstabet fuqu kienet id-droga li kien għadu kif xtara mingħand l-appellant li hu ħallas bil-flus li taħ l-ispettur Josric Mifsud kif ukoll flus minn tiegħu biex jagħmel tajjeb għad-differenza li kien hemm ta' gramma. Ighid li ghalkemm lill-appellant talbu tlett grammi erojina, minflok taħ 4 grammi, li kienu jirreferu ghalihom bhala sriedak. Ix-xhud jistqarr li l-pulizija kienu telquħ Ħal-Qormi għall-ħabta tas-6:30-7:00 ta' fil-ghaxija. Hu jikkonferma li dam 8 minuti biex wasal ħdejn l-appellant fil-garaxx tiegħu. Ghalkemm Borg jikkonferma illi huwa ma jahdimx u ighix bl-assistenza socjali, madanakollu jichad illi qatt issellef xi flus minghand l-appellant ghalkemm jistqarr li kellu jaghtih s-somma ta' Lm150 tad-droga li kien akkwista mingħand l-appellant peress li waqa' lura fil-pagamenti. Jichad ukoll li qatt ssellef xi flus mingħand bin l-akkużat li jismu Darren.

Hu stqarr li meta kien imur jinqeda mingħand l-appellant kien jinqeda mingħandu u xi kultant mingħand iben l-appellant ukoll. Ġie mistoqsi mid-difiza kif ukoll mill-ewwel Qorti minn fejn kien iġib il-flus biex iħallas id-droga li kien jixtri regolarment allavolja kien jgħix biss bl-ghajnuna socjali, fejn hu spjega li kien jixtri bejn gramma jew tnejn kull meta jixtri mingħand l-appellant, fejn allura kien jonfoq madwar Lm56 kull darba u li kien ikollu jittraffika xi ftit minn dik id-droga hekk akkwistata sabiex imantni l-vizzju li kellu. Illi l-istqarrija guramentata rilaxxjata minn Joseph Borg quddiem l-Inkwirenti essenzjalment tikkorobora x-xiehda tieghu[3].

Illi mir-rapport tal-esperti l-ispiżjar Mario Mifsud[4] (folio 114) u Godwin Sammut[5] li analizzaw l-boroz tal-plastic bis-sustanza ġo fihom biex jaraw hemmx *mechanical fit*

[3] Folio 80 tal-ewwel Volum tal-atti proċesswali datata s-7 ta' Jannar 2003.
[4] Xhieda datata l-4 ta' Lulju 2003.
[5] Folio 482 mit-tieni Volum tal-atti proċesswali (14.7.10).

bejniethom ai fini ta' impronti diġitali[6] johrog riżultat fin-negattiv filwaqt li meta analizzaw il-kontenut tal-boroz elevati minn fuq Joseph Borg wara li saret il-konsenja kkontrollata, ikkonstataw li s-sustanza kienet droga erojina fl-ammont ta' 3.507gramma. Sussegwentement L-ispiżjar Mifsud ippreżenta rapport ulterjuri fejn ikkwantifika l-valur tad-droga misjuba ammontanti għal mitejn u erbgħin Euro (€240)[7].

L-appellant jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju u joffri it-testimonjanza tieghu. Jibda biex jikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u jikkjarifika li l-flus li kellu fuqu dak in-nhar tal-arrest tieghu kienu gejjien min-nies li kien sellifhom il-flus. Jgħid ukoll illi l-karti li sabulu bl-ismijiet kienu tad-debituri tieghu. Jishaq illi huwa jaf lil Borg ghaliex darba kien sellfu l-ammont ta' Lm200 u fil-fatt jishaq illi dakinhar tal-arrest, Joseph Borg kien mar ghandu biex iroddhomlu lura. Jiċħad li Borg ċempillu dak in-nhar biex jiġbor id-droga mingħandu kif allegat u jishaq illi dakinhar hu kien qieghed il-Marsa. Fil-fatt ighid illi Borg ghaddielu parti mill-flus li kellu jaghtih u telaq 'il barra wara li tah xi direzzjonijiet minn fejn kellu ighaddi ghax kien intilef.

Ghalkemm jikkontendi illi dakinnhar kien hemm prezenti t-tifel t'oħtu u xi nies oħra, madanakollu ighid illi dawn ma tawx każ l-konverżazzjoni tiegħu ma Borg. Dawn in-nies izda jibqa' ma jressaqhomx biex jikkonfermaw dak allegat minnu. Jibqa' jishaq illi hu qatt ma biegħ droga lil Joseph Borg u dakinhar ma taħ xejn.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

Illi l-ligi fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 taghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tat-traffikar meta hemm dispost:

> **Għal finijiet ta' din l-Ordinanza (tad-Droga) il-kelma jittraffika (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'referenża għat-traffikar tal-mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi meta l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-manifattura, l-esportazzjoni, d-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, l-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, l-għoti tal-**

[6] Ara folio 134 formanti parti mir-rapport Dok MM li jinstab eżebit a folio 116 fl-interita' tiegħu.
[7] Folio 438 mit-tieni Volum tal-atti Proċesswali immarkat bħala Dok MM2 a folio 440 (30.9.09).

**informazzjoni intiża biex twassal għax xiri ta' tali mediċini bil-ksur ta' din L-Ordinanza.**

Illi evidentement l-intenzjoni tal-leġislatur meta ġiet abbozzata din il-liġi kienet sabiex jolqot diversi xenarji u kemm jista' jkun johloq lista komprensiva tal-att materjali tar-reat ghalkemm ma humiex eskluzi ċirkostanzi oħrajn li jistgħu japplikaw u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala forom ta' traffikar.

Illi in oltre għal dak li jirrigwarda dan ir-reat huwa r-regolament 4 tal-Leġislazzjoni sussidjarja 101.02 li jirrendi t-traffikar punibbli bħala reat. Huwa evidenti ai fini ta' dan il-każ illi l-appellant qed jiġi akkużat li hu ssupplixxa d-droga lil Borg, bl-att materjali isehh taht il-kontroll tal-pulizija.

Illi ir-reat ta' pussess aggravat tal-erojina, imbaghad, huwa regolat ukoll mil-Leġislazzjoni Sussidjarja, senjalatament ir-regolament 9 li jiddisponi:

**Hadd ma għandu jkun fil-pussess jew jittanta li jippossjedi xi droga kemm il-darba –**

**(a) Huwa ma jkunx awtorizzat għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza; jew**
**(b) Huwa ma jkunx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga; jew**
**(c) Huwa ma jkunx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa jew mhux awtorizzat b'dawn ir-Regoli jew b'awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu d-droga fil-pussess tiegħu; jew**
**(d) Huwa ma jippruvax illi d-droga kienet fornuta għall-użu tiegħu skond dik ir-riċetta kif imsemmi qabel;**

**Iżda, l-kwalifika li tinsab fil-paragrafu (d) ma tkunx tgħodd fil-każ ta' xi droga, fornuta lill-persuna għall-użu tagħha skond riċetta jekk dik il-persuna f'dak iż-żmien li liha ngħatat id-droga kienet qedgħa taħt kura ta' tabib ieħor dwar li kienet tieħu bi drawwa xi drogi jew xort'oħra, u li kienet fornuta b'xi droga fuq riċetta maħruġa minn dak it-tabib u ma semmietx dik il-ħaġa lit-tabib imsemmi l-ewwel qabel ma d-droga kienet fornuta lilha.**[8]

Din id-disposizzjoni trid tinqara dejjem fid-dawl ta' dak dispost fl-Ordinanza tad-Droga u l-artikoli li japplikaw ġenerikament u li jestendu wkoll għal dawn ir-regolamenti. In oltre d-diċitura ta' din il-liġi tinkorpora l-elementi kemm tal-pussess

[8] Ara wkoll regolamenti 15 u 16 tal-LS 101.02

aggravat kif ukoll tal-pussess sempliċi li t-tnejn huma mfissra fit-tieni u t-tielet akkużi miġjuba kontra l-appellant.

Afferati d-disposizzjonijiet legali li jirregolaw ir-reati taht il-lenti tal-Qorti, huwa allura bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova li d-droga li akkwista Joseph Borg ġiet fornuta minn Brincat u senjatament mill-garaxx tiegħu fejn kien qiegħed l-istess appellant u jekk l-appellant ma jippruvax li din is-sustanza lleċita kienet għandu jew taħt il-kontroll tiegħu b'liċenzja debitament maħruġa mill-awtorita appożita li tippermettiħ ikun fil-pussess ta' din is-sustanza għal skopijiet personali u leġittimi, ir-reat tal-pussess aggravat indikattiv li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u ċirkostanzjalment dik sempliċi jistgħu jiġu ppruvati.

Ikkunsidrat

Illi l-lanjanza ewlenija mqanqla mill-appellant, kif inghad, hija marbuta man-nuqqas ta' kredibbilita' tax-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni u cioe' ta' Joseph Borg. Illi l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jippostula li xhud wieħed waħdu <u>jekk emmnut</u> huwa suffiċjenti. Issa fit-termini tal-artikolu 636, li fost ohrajn titkellem fuq il-persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, *'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'*.

Issa x-xhud Borg jallega illi huwa kien jabbuza mid-droga u kien ilu mahkum minn dan il-vizzju ghal diversi snin. Jallega meta jigi ntercettat mill-pulizija u arrestat illi kien ilu jakkwista d-droga erojina ghall-ahhar sitt xhur qabel l-arrest tieghu minn ghand l-appellant. Il-pulizija ghalhekk jipprocedu sabiex jaghmlu konsenja ikkontrollata u dan wara li Borg jaccetta li jassistiehom. Illi l-konsenja kkontrollota isehh taht is-sorveljanza tal-pulizija u ghalkemm l-iskambju tad-droga issir gewwa l-garaxx tal-appellant u allura mhux fil-vizwali diretta tal-pulizija, madanakollu huwa ndubitat illi kien l-appellant li forna l-erojina lil Borg. Dan ghaliex Borg, li jidhol gewwa l-garaxx fil-pussess ta' flus mghoddija lilu mill-pulizija u minghajr droga fil-

pussess tieghu, johrog minn hemm b'kwazi erba grammi erojina u minghajr dawn il-flus. Mhux biss izda l-istess karti tal-flus li l-pulizija jkunu ghaddew lil Borg sabiex issehh din it-transazzjoni jinstabu fil-pussess tal-appellant sabiex b'hekk tinholoq il-holqa fil-katina tal-evidenza li torbot il-provvista tad-droga lil Borg mal-appellant. Dan immaterjalment minn dak li jixhed Borg fejn jipponta subajgh lejn l-appellant bhala il-fornitur tieghu tad-droga. Dawn il-provi indizzjarji huma univoci u jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita':

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Cyrus Engerer deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) intqal illi '*biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'*.[9]

Kwindi ghalkemm il-prova maghmula permezz tax-xiehda guramentata ta' Joseph Borg fit-termini tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta hija prova intiera fiha nnifisha li ma tinneċcesitax provi oħra li jsostnuha, salv dejjem id-dritt tal-kontro-ezami mid-difiza, li f'dan il-kaz sar ghal iktar minn darba, izda bis-sahha tal-konsenja kkontrollata esegwieta mill-pulizija fuq ordni tal-Inkwirenti, huwa ndubitat illi l-persuna li pprovdiet id-droga lil Borg ma kien hadd hlief l-appellant.

Dan ifisser illi aktar mix-xiehda ta' Borg din il-Qorti hija kkonfortata mill-prova li tohrog mill-procedura segwieta fil-konsenja kkontrollata meta saret *strip search* ta' Borg mill-pulizija qabel telquħ biex imur ghand l-appellant fejn hu kien taħt għajnejhom sal-mument li hu daħal fil-garaxx. Kif reġa ħareġ, il-pulizija reġgħu arrestaw lil Borg fejn sabulu d-droga mertu ta' dan il-każ u liema droga ma kinitx fuq

---

[9] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8 ta' Mejju 2014.

il-persuna ta' Borg meta għamlulu l-*istrip search* oriġinarjament u kif telquħ biex imur jakkwista d-droga mill-appellant, li fiha nnifisha tindika b'mod inkonfutabbli li hu akkwista d-droga waqt li kien fil-garaxx ta' Brincat u minn mkien aktar. Id f'id ma' din il-prova hemm imbaghad ir-rapport tal-Avukat Richard Sladden li jikkonferma li Borg effettivament għadda l-flus li kien taħ l-Ispettur Josric Mifsud sabiex jakkwista l-imsemmija droga, liema flejjes ġew misjuba fuq il-persuna ta' Brincat mumenti wara dan l-inkontru meta ġie arrestat mill-pulizija. Illi allura rinfaccjat b'dawn il-fatti probatorji, l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant hija wisq dghajfa u ma tilhaqx il-grad tal-prova mistennija minnu sal-grad tal-probabbli u cioe' illi huwa kien isellef flus lil Borg u mhux ifornieh bid-droga. Mhux biss izda ghalkemm jallega illi kien hemm persuni ohra presenti fil-garaxx meta Borg ghaddielu il-flus, dawn ix-xhieda qatt ma jitressqu biex jiddeponu mid-difiza biex jissostanzjaw il-verzjoni tal-appellant. Illi lanqas l-inkonsistenzi li d-difiza tara fix-xiehda ta' Joseph Borg ma jistghu ixejjnu dawn il-provi ndizzjarji li kollha jindikaw illi kien l-appellant illi dakinhar tal-konsenja kkontrollata forna lil Borg bid-droga misjuba fuqu mill-pulizija hekk kif huwa hareg mill-garaxx tal-appellant. Dawn l'hekk imsejjħa diskrepanzi jew ineżattezzi mhumiex tali li jistgħu ibiddlu wisq mir-riżultat finali tat-transazzjoni llegali li seħħet u tar-riżultat tal-konsenja kkontrollata.

Mhux biss, izda fil-fehma tal-Qorti li l-komportament tal-appellant meta huwa jkisser ċ-ċellulari Nokia hekk kif jidhlu il-pulizija fil-garaxx biex jarrestawh kien wieħed metodiku u kkalkulat sabiex tinqered kull informazzjoni nkriminanti fiħ. Illi konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuża tat-traffikar tad-droga u konsegwentement b'assorbiment, dik tal-pussess aggravat (mhux għall-użu esklussiv tiegħu) u komplessivament dik sempliċi ġew sufficjentement ippruvati saċ-ċertezza morali u kwindi din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant għandu jinstab ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet kif miġjuba.

Għal dak li jirrigwarda r-raba u l-ħames akkużi l-appellant mhux qed jikkontesta l-ħtija tiegħu ghal dawn ir-reat u konsegwentement il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonferma il-htija fir-rigward.

Ikkunsidrat

Finalment meta tiġi biex tqies il-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni n-natura tal-akkużi miġjuba kontra l-appellant li huma reati ta' natura serja u ċ-ċirkostanzi tal-kaz fejn jidher li Joseph Borg kien qed jiġi fornut bid-droga erojina mill-appellant għal perjodu ta' sitt xhur prattikament kuljum kif ukoll ir-reati taħt il-Kapitolu 376 li ġew debitament amessi minnu u fejn jidher li l-appellant kien qed jagħmel self konsiderevoli lil diversi persuni kontra l-liġi;

Ħadet qies ukoll tal-fedina penali aġġornata tiegħu[10] fejn jidher ċar li l-appellant kellu preċedent ieħor ta' każ tad-droga tal-istess natura bħal din, liema sentenza ġiet kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-8 ta' Marzu 2011;

Ħadet qies ukoll tal-eta', tal-qagħda fisika tal-appellant u tal-ansjeta' li hu qed ibati minnha.

Din il-Qorti qieset ukoll li dan il-każ ħa 'il fuq minn għaxar snin biex jiġi deċiż u almenu matul il-pendenza quddiem din il-Qorti, ħafna mid-dewmien kien imputabbli lill-istess appellant minhabba il-qaghda tas-sahha tieghu kif ikkonfermat permezz ta' diversi ċertifikati mediċi maħruġa mit-tabib psikjatriku Dr. Joseph Spiteri, kif ukoll mix-xiehda ta'l-istess psikjatra.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(b)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u l-artikoli 3 u 22 tal-Att dwar L-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376) tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ssib lil Rosario Brincat ħati tal-akkużi kollha kif miġjuba kontra tiegħu f'dawn il-proċeduri u tikkundannaħ għal piena ta' erba snin priġunerija u multa ta' tmint elef (€8000). Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti għal tmien mija sebgħa u għoxrin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€827.57).

[10] Folio 605 tal-atti proċesswali.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga mmarkata u eżebita bħala Dokument 'KBB99.2003' u konsegwentement tordna komunika ta' din is-sentenza lir- Reġistratur tal-Qorti Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska tal-flejjes maqbuda mingħand l-appellant ammontanti għal Lm826.00, ekwivalenti għal elf disa' mija u erbgħa u għoxrin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€1924.58) formanti parti mill-eżebit immarkat bħala Dokument 'KB15.2003' favur il-Gvern ta' Malta.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur